# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-28 ta' Frar 2008

## li taħtar membru supplenti Taljan fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2008/183/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE ([1]) li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur CONDORELLI sar vakanti post ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

IDDEĊIEDA:

*Artikolu 1*

Is-Sur Giovanni SPERANZA, Sindaco del Comune di Lamezia Terme, huwa b'dan maħtur membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni, għall-bqija tal-mandat, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Frar 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. VIZJAK

([1]) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.